VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,984, 27 ta' April, 2018
Taqsima B

A.L. 140 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2018 dwar Impjieg Kwalifikanti f'Attivitajiet Marittimi u l-Attivitajiet tal-Industrija tas-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass *Offshore* (Taxxa Personali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2018 dwar Impjieg Kwalifikanti f'Attivitajiet Marittimi u l-Attivitajiet tal-Industrija tas-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass *Offshore* (Taxxa Personali).

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2017 fir-rigward ta' uffiċċji eleġibbli fis-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass *Offshore* u servizzi anċillari tal-industrija u mis-sena ta' stima 2018 fir-rigward ta' uffiċċji eliġibbli fl-Attivitajiet Marittimi.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli, kemm-il darba s-suġġett jew ir-rabta tal-kliem ma jeħtiġux xort' oħra:

"arranġament artifiċjali" għandu jinkludi arranġament skont kif benefiċjarju jirċievi kwalunkwe benefiċċju jew pagament, fi kwalunkwe forma, mingħand persuna li hija relatata ma' min iħaddimha u dak il-benefiċċjarju ma jiddikjarax dak il-benefiċċju jew pagament f'Malta għal finijiet ta' taxxa jew mhuwiex responsabbli għat-taxxa fuq dak l-*income* f'Malta;

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*; Kap. 123.

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità tat-Trasport f'Malta stabbilita skont l-artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta; Kap. 499.

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni Ewropea fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 20 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"dawn ir-regoli" għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 56(21) tal-Att u r-regoli li hemm f'dawn ir-regoli;

"drittijiet miksuba taħt din il-liġi" tfisser id-dritt li jintgħażel li titħallas it-taxxa bir-rata mnaqqsa tat-taxxa

VERŻJONI ELETTRONIKA

kontemplata fl-artikolu 56(21) tal-Att u ta' dawn ir-regoli;

"esperjenza professjonali" tfisser iż-żmien veru u leġittimu fil-professjoni kkonċernata;

"interess pubbliku" jinkludi l-interessi fis-sigurtà pubblika, għall-protezzjoni tal-ordni pubbliku, is-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali, is-saħħa jew il-morali pubbliċi;

"Kummissarju" tfisser lill-Kummissarju tat-Taxxi;

"kwalifka tal-edukazzjoni" tfisser kwalunkwe diploma, ċertifikat jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali maħruġa minn stabbiliment edukattiv li tattesta t-twettiq b'suċċess ta' programm tal-edukazzjoni postsekondarju, jigifieri sett ta' korsijiet ipprovduti minn stabbiliment edukattiv rikonoxxut bħala istituzzjoni edukattiva mill-Istat li jinsab fih;

"kwalifiki professjonali" tfisser kwalifiki ċċertifikati b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni jew, b'deroga, meta tkun prevista fil-liġi nazzjonali, attestati permezz tal-esperjenza professjonali ta' livell komparabbli għal kwalifiki ta' edukazzjoni u li huma rilevanti fil-professjoni jew is-settur speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew l-offerta ta' impjieg li torbot;

Kap. 463.
Kap. 325.

"liġijiet b'inċentivi kummerċjali" jinkludu l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta u l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji;

"uffiċċju eliġibbli" huwa impjieg definit bħala ewlieni għall-operazzjonijiet ta' impriża partikolari u li l-funzjoni tiegħu tkun ikkonfermata mill-awtorità kompetenti, abbażi ta' proċedura ta' valutazzjoni amministrattiva li l-uffiċċju huwa mniżżel fl-Iskeda u li hu miżmum ma' wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) kwalunkwe impriża li għandu *Document of Compliance* (DOC) maħruġ skont il-Kodiċi tal-Immaniġġjar tas-Sigurta Internazzjonali jew *Seafarer Recruitment and Placement Services Licence* maħruġ skont il-Konvenzjoni tax-Xogħol Marittmu tal-2006; jew

(ii) kwalunkwe impriża li tqabbad individwu partikolari għal xogħol abbord fuq kwalunkwe vapur, eskluži vapuri li joperaw fuq servizzi regolari kif ukoll vapuri li l-użu jew l-operazzjoni tiegħu titlob ċertifikazzjoni skont ir-Regoli Dwar il-Bastimenti Kummerċjali u li huma rmiġġjati jew ankrati fl-ilmijiet

L.S. 499.23.

VERŻJONI ELETTRONIKA

territorjali ta' Malta jew kull port ġewwa Malta għal mill-inqas xahar f'sena ta' kalendarju (minn hawn il' quddiem kollettivament "attivitajiet Marittimi");

Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli, it-terminu "servizzi regolari" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha skont il-*Merchant Shipping (Safe Operation of Regular Ro-Ro Ferry and High-Speed Passenger Craft Services) Regulations*; jew L.S. 234.35.

(iii) kwalunkwe impriża li primarjament tagħmel negozju jew kummerċ li jikkonsisti f'Servizzjar tal-industrija taż-Żejt u l-Gass *Offshore* u servizzi anċillari (minn hawn il' quddiem "f'Servizzjar tal-industrija taż-Żejt u l-Gass *Offshore* u servizzi anċillari").

(2) Persuna għandha titqies bħala relatata ma' korp ta' persuni jekk:

(a) dik il-persuna jew il-korp ta' persuni huma, direttament jew indirettament, ikkontrollati jew ikunu proprjetà benefiċjarja sal-punt ta' iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-istess persuni; jew

(b) dik il-persuna tippossjedi, direttament jew indirettament, iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) mill-kapital azzjonarju ordinarju jew mid-drittijiet tal-vot tal-korp ta' persuni.

Income minn sors ta' kuntratt tal-impjieg kwalifikabbli.

3. (1) *Income* minn sors ta' kuntratt tal-impjieg kwalifikabbli jaqa' taħt dawn ir-regoli meta jasal għand benefiċjarju u jikkonsisti minn *income* suġġett għat-taxxa skont l-artikolu 4(1)(b) tal-Att (mingħajr valur annwali ta' kwalunkwe benefiċċji supplimentari) għal minimu ta' sitta u ħamsin elf euro (€65,000) u jikkonsisti f'emolumenti minn uffiċċju eliġibbli.

(2) Kuntratt tax-xogħol kwalifikabbli għandu jitqies bħala tali jekk l-attività tal-impjieg prevista fil-kuntratt ta' impjieg tkun uffiċċju eliġibbli.

(3) L-*income* m'għandux jiġi interpretat bħala *income* minn kuntratti ta' xogħol kwalifikabbli jekk dan jitħallas minn għand min iħaddem li jkun irċieva benefiċċju jew benefiċċji skont il-liġijiet jew arranġamenti ta' inċentiv kummerċjali f'termini ta' inċentiv kummerċjali fil-liġijiet jew titħallas minn persuna li hija relatata ma' min iħaddem u li tkun irċeviet benefiċċju jew benefiċċji skont kwalunkwe liġi b'inċentiv kummerċjali jew arranġamenti f'termini ta' liġijiet b'inċentiv kummerċjali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Benefiċjarju.

4. Benefiċjarju huwa individwu li jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huwa individwu li jikseb *income* suġġett għat-taxxa skont l-artikolu 4(1)(b) tal-Att, jiġifieri l-emolumenti dovut taħt kuntratt ta' xogħol kwalifikabbli, u riċevut fir-rigward ta' xogħol jew dmir li saru f'Malta, jew fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu mqatta' barra minn Malta fir-rigward ta' dan ix-xogħol jew dmirijiet, jew fuq *leave* matul it-twettiq ta' dak ix-xogħol jew dmirijiet;

(b) huwa protett bħala impjegat skont il-liġi Maltija, irrispettivament mir-relazzjoni ġuridika, għall-fini tal-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv għal jew taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor, jiġi mħallas, u għandu l-kompetenza adegwata u speċifika, li hija għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti;

(ċ) huwa juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li huwa fil-pussess ta' kwalifiki professjonali jew esperjenza;

(d) huwa jiżvela b'mod sħiħ għall-finijiet tat-taxxa u jiddikjara l-emolumenti riċevuti fir-rigward ta' *income* minn kuntratt ta' xogħol kwalifikabbli u kull *income* li jirċievi minn persuna li hija relatata ma' min timpjegah li tħallas l-*income* minn kuntratt li jikkwalifika bħala taxxabbli f'Malta;

(e) huwa juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jwettaq l-attivitajiet ta' uffiċċju eliġibbli; u

(f) huwa juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li:

(i) ikun qed jirċievi riżorsi stabbli u regolari li huma suffiċjenti biex imantni lilu nnifsu u lill-membri tal-familja tiegħu, mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' għajnuna soċjali f'Malta;

(ii) huwa jgħix f'akkomodazzjoni meqjusa bħala normali għal familja komparabbli f'Malta u li tissodisfa l-istandards ġenerali ta' saħħa sikurezza fis-seħħ f'Malta;

(iii) hu fil-pussess ta' dokument validu tal-ivvjaġġar;

(iv) hu fil-pussess ta' assigurazzjoni għall-mard fir-rigward tar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini ta' Malta, għalih innifsu u għall-membri tal-familja tiegħu; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(v) mhuwiex domiċiljat f'Malta.

L-ammont minimu ta' *income* intaxxabbli.

5. (1) Meta individwu jeżerċita l-għażla offruta mill-artikolu 56(21) tal-Att fir-rigward ta' sena ta' stima, l-ammont minimu ta' *income* li għandu jiġi intaxxat bir-rata mnaqqsa prevista f'dak is-subartikolu fir-rigward ta' dik is-sena ta' stima għandu jitqies li jkun ta' sitta u ħamsin elf euro (€65,000):

Iżda li jekk l-*income* minn kuntratt tal-impjieg kwalifikabbli jeċċedi l-ammont ta' ħames miljun euro (€5,000,000), ma titħallas l-ebda taxxa oħra fuq l-*income* minn kuntratt tal-impjieġ kwalifikabbli li jeċċedi ħames miljun euro (€5,000,000):

Iżda r-rata ta' 15% għandha tapplika, mingħajr m'għandha l-possibilità li tintalab kwalunkwe eżenzjoni, tnaqqis, kreditu jew kumpens ta' kwalunkwe tip:

Iżda li, il-benefiċjarju għandu jingħata tnaqqis ta' taxxa mħallsa skont l-artikolu 23 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Kap. 372.

(2) L-għażla li ssir skont l-artikolu 56(21) tal-Att ma tistax tiġi eżerċitata fir-rigward ta' kwalunkwe sena ta' stima ta' qabel is-sena ta' stima 2017 fir-rigward ta' uffiċċji eleġibbli fl-industrija tas-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass *Offshore* u servizzi anċillari, u fi kwalunkwe sena ta' stima li tippreċedi s-sena ta' stima 2018 fir-rigward ta' uffiċċji eleġibbli fl-attivitajiet Marittimi.

Ċittadini taż-ŻEE u tal-Iżvizzera.

6. (1) L-għażla li ssir skont l-artikolu 56(21) tal-Att għandha, fir-rigward ta' ċittadini taż-ŻEE u tal-Iżvizzera, tapplika għal perjodu konsekuttiv ta' ħames snin li jibda mill-ewwel sena ta' stima li fih dik il-persuna hija l-ewwel suġġetta għat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

(2) L-għażla li ssir skont l-artikolu 56(21) tal-Att għandha, fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, tapplika għal perjodu konsekuttiv ta' erba' snin li jibda mill-ewwel sena ta' stima li fiha dik il-persuna hija l-ewwel suġġetta għat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

(3) Id-drittijiet miksuba skont din il-liġi għandhom jitqiesu li ġew rtirati b'effett immedjat jekk l-għoti ta' benefiċċji skont dawn ir-regoli u ż-żmien f'Malta tal-benefiċjarju mhumiex fl-interess pubbliku.

(4) Minkejja kull ħaġa xort'oħra li tinsab f'dawn ir-regoli, kull persuna li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tas-subregola (1) jew is-subregola (2) tkun, irrispettivament jekk tkunx għażlet li tibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli jew le, eliġibbli, wara applikazzjoni, għal estensjoni ta' darba ta' ħames snin jew erba' snin

VERŻJONI ELETTRONIKA

rispettivament mal-perjodu kwalifikanti tagħha, sakemm tibqa' konformi mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli:

Iżda l-eliġibbilità taħt dawn ir-regoli m'għandhiex teċċedi perjodu konsekuttiv ta' għaxar snin li jibda mis-sena ta' qabel l-ewwel sena ta' stima li fiha dik il-persuna tkun l-ewwel suġġetta għat-taxxa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

Arranġamenti Artifiċjali.

7. (1) Meta persuna, sabiex tikseb benefiċċji taħt dawn ir-regoli, tagħmel użu minn arranġamenti artifiċjali, il-Kummissarju għandu, b'ordni bil-miktub, jiddetermina l-obbligu fiskali tal-imsemmija persuna, għal kwalunkwe sena ta' stima, b'dak il-mod u b'dak l-ammont kif jista' jkun meħtieġ, fiċ-ċirkustanzi tal-każ li ġġib fix-xejn il-benefiċċji miksuba skont dawn ir-regoli. Persuna li ma taqbilx mal-ordni notifikat lilha msemmi aktar qabel għandu jkollha l-istess drittijiet biex toġġezzjona għal dan l-ordni u li tappella mid-deċiżjoni tal-Kummissarju li ċaħad din l-oġġezzjoni bħallikieku dan l-ordni kien stima maħruġa skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att dwar l-oġġezzjonijiet u l-appelli għandhom japplikaw mutatis mutandis:

Kap. 372.

Iżda kwalunkwe persuna li titlob benefiċċju skont dawn ir-regoli, meta din il-persuna ma kinitx intitolata għall-imsemmija benefiċċji, għandha tkun responsabbli li tħallas penali ugwali għall-ammont ta' benefiċċju mitlub u jekk il-benefiċċju kien fil-fatt imħallas lilha, dik il-persuna għandha wkoll l-obbligu li tirrimborsa l-benefiċċju rċevut u li tħallas taxxa addizzjonali ta' seba' fil-mija kull xahar jew parti minnu li jibda mix-xahar li fih l-imsemmi benefiċċju tħallas lilha sa dak ix-xahar li fih il-benefiċċju ġie mħallas lura u kwalunkwe ħlas magħmul mill-istess persuna fir-rigward tat-taxxa ripagabbli minnha f'termini ta' din il-proviso, għandha l-ewwel tkun applikata kontra kull taxxa addizzjonali dovuta fuqhom:

Iżda wkoll l-obbligu li tħallas taxxa addizzjonali f'termini tal-proviso preċedenti m'għandux ikun applikabbli meta l-persuna msemmija fih taħti prova li tkun aġixxiet b'rieda tajba.

(2) Għall-finijiet ta' din ir-regola, 'benefiċċju' għandu jfisser l-ammont totali tat-taxxa mhux imħallsa minn individwu li jagħżel li japplika dawn ir-regoli.

Informazzjoni u Dokumenti Addizzjonali.

8. (1) Sabiex jiġu aċċertati d-drittijiet tal-individwu li jeżerċita l-għażla prevista f'dawn ir-regoli u tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli, il-Kummissarju u l-awtorità kompetenti jistgħu jeħtieġu li individwu li jipproduċi , fiż-żmien indikat mill-Kummissarju u mill-awtorità kompetenti f'dik it-talba, dik l-informazzjoni addizzjonali u dokumenti kif il-Kummissarju u l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

awtorità kompetenti jistgħu jikkunsidraw neċessarji, li jinkludu ċertifikati u dikjarazzjonijiet ta' min iħaddem dak l-individwu.

(2) Jekk individwu jonqos, mingħajr raġuni valida, li jikkonforma ma' kull talba dwar l-*income* tiegħu li kienet saritlu mill-Kummissarju u mill-awtorità kompetenti skont din ir-regola, il-Kummissarju u l-awtorità kompetenti jistgħu jiddeċiedu li l-artikolu 56(21) tal-Att ma japplikax għal dak l-*income*. F'dak il-każ, il-Kummissarju jista' jagħmel stima u t-taxxa fuq dak l-*income* għandha tiġi kkalkulata skont ir-rati previsti fl-Att mingħajr ebda referenza għal din is-subregola.

L-għażla disponibbli skont l-artikolu 56(21) tal-Att.

9. L-għażla disponibbli skont l-artikolu 56(21) tal-Att għandha tiġi eżerċitata permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata mill-benefiċjarju u approvata mill-awtorità kompetenti magħmula b'dik il-forma jew b'dak il-mod li l-Kummissarju jista' jeħtieġ u mehmuża ma' jew inkluża fil-prospett tat-taxxa relattiv għas-sena ta' stima. M'għandhiex titqies li tkun ġiet validament eżerċitata sakemm l-*income* li għalih tapplika jiġi kompletament u korrettament iddikjarat fid-dikjarazzjoni tat-taxxa msemmija u sakemm id-dikjarazzjoni msemmija u l-prospett tat-taxxa jiġu ppreżentati mhux aktar tard mid-data stabbilita għall-prospett tat-taxxa relativa:

Iżda meta l-imsemmija dikjarazzjoni jew il-prospett tat-taxxa relattiv jintbagħtu aktar tard minn dik id-data stabbilita għall-prospett tat-taxxa, il-Kummissarju jista' jittratta l-għażla bħala eżerċitata b'mod validu jekk ikun sodisfatt li d-dewmien kien minħabba skuża raġonevoli.

Determinazzjoni Formali.

10. (1) Għall-finijiet tar-regola 4, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ determinazzjoni formali dwar dak kollu li jrid jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tagħha skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.

(2) Applikazzjoni għal proċedura formali ta' determinazzjoni fir-rigward tal-eliġibbiltà taħt dawn ir-regoli għandha ssir b'dak il-forma jew b'dak il-mod li l-awtorità kompetenti tista' tirrikjedi u għandha tinkludi l-informazzjoni u d-dokumenti mitluba fiha.

(3) Wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti, il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għandu jiddetermina jekk il-permanenza ta' benefiċjarju f'Malta tkunx waħda fl-interess pubbliku.

Approvazzjoni tal-Formola.

11. Għall-finijiet tar-regola 9, l-awtorità kompetenti, wara applikazzjoni ppreżentata minn benefiċjarju, għandha tapprova l-formola mitluba mill-Kummissarju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA
(Regola 2)

Uffiċċji u Impjieg Eliġibbli

Attivitajiet Marittimi

Uffiċjal Kap Eżekuttiv

Uffiċjal Kap tal-Operazzjonijiet

Direttur Maniġerjali

Uffiċjal Kap Finanzjarju

Maniġer Ġenerali

Maniġer tal-Ekwipaġġ

Maniġer Tekniku

Suprintendent Tekniku tal-Bastiment

Persuna Desinjata Fuq l-Art

Kaptan

Chief Mate

Tieni Uffiċjal

Enġinier Kap

Tieni Enġinier

Chef

L-Industrija tas-Servizzjar taż-Żejt u l-Gass
***Offshore* u Servizzi Anċillari**

Kap Uffiċjal Eżekuttiv

Kap Uffiċjal Operattiv

Kap tal-Akkademja tat-Taħriġ (liema Akkademja trid tkun iċċertifikata minn istituzzjoni ta' akkreditar internazzjonali).